MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 557/2006

Mark Micallef
vs
Kontrollur tad-Dwana

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Mark Micallef li bih espona:

1. Illi b'*seizure note* datata 8 t'April, 1993 li ggib in-numru 21/93 (annessa mar-rikors guramentat bhala Dok 'A'), il-konvenut Kontrollur tad-Dwana qabad l-oggetti kollha indiklati fil-lista mehmuza mal-istess *seizure note* konsistenti f'vann tal-ghamla 'Ford Transit' bin-numru ta' registrazzjoni C522DHV, *speedboat* tal-marka 'Rinker' mudell 'Captiva 186' u *trailer;*

2. Illi fil-21 t'April, 1993 kienu gew istitwiti proceduri kriminali kontra r-rikorrenti li gie akkuzat talli fit-3 t'Awissu, 1992 u matul ix-xhur ta' qabel laqa' ghandu jew

xtara *speedboat* tal-marka ‘Rinker’ kompluta bil-karru li kienet misruqa, u li kellu fil-pussess tieghu vann tal-ghamla ‘Ford Transit’ bin-numru ta’ registrazzjoni C522DHV, *speedboat* tal-marka ‘Rinker’ mudell ‘Captiva 186’ u *trailer* li d-dazju fuqhom ma kienx imhallas;

3. Illi b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-17 ta’ Frar, 2000, kif konfermata b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali b’sentenza moghtija fis-27 t’April, 2000 (Appell numru 34/2000), ir-rikorrent kien gie liberat minn dawn l-akkuzi;

4. Illi b’sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fid-29 ta’ Jannar, 2003 fl-ismijiet ‘Mark Micallef -vs- Kontrollur tad-Dwana *et*’ (Citazz. Nru. 584/1993GV), il-konvenut odjern gie ordnat sabiex jirrilaxxja a favur tar-rikorrent odjern l-oggetti kollha maqbuda bis-*seizure note* numru 21/93, bl-ispejjez kontra l-konvenut odjern;

5. Illi l-konvenut odjern kien appella minn din is-sentenza izda b’digriet tat-2 ta’ Dicembru, 2005 il-Qorti ta’ l-Appell (Sede Superjuri) iddikjarat il-kawza dezerta fit-termini tal-artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-appell intavolat mill-konvenut odjern, bl-ispejjez a karigu tieghu;

6. Illi ghalhekk l-ordni tal-Qorti biex l-oggetti hekk maqbuda mill-konvenut jigu ritornati lir-rikorrent ghaddiet in gudikat;

7. Illi l-oggetti kollha maqbuda permezz tas-*seizure note* numru 21/93 fuq elenkati ilhom hekk maqbuda mill-konvenut ghal dawn l-ahhar tlettax (13)-il sena, u mhux biss saritilhom hsara materjali sostanzjali matul dawn is-snin kif diga rrizulta fil-kors tal-proceduri gudizzjarji indikati f’dan ir-rikors, izda sofrew minn tnaqqis u deprezzament sostanzjali fil-valur taghhom minhabba d-dekors tas-snin, essendo dawn oggetti li l-valur taghhom jiddeprezza b’mod sostanzjali hafna mat-trapass taz-

zmien sabiex b'hekk il-valur attwali huwa wiehed zghir hafna jekk mhux negligibbli;

8. Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 3 ta' Frar, 2006, ir-rikorrent interpella lill-konvenut sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha minnu sofferti konsistenti fit-tnaqqis u d-deprezzament fil-valur ta' l-oggetti fuq imsemmija bhala rizultat tal-fatt illi dawn ilhom maqbuda mill-istess konvenut ghall-perjodu ta' circa tlettax (13)-il sena;

9. Illi l-konvenut baqa' inadempjenti u lanqas biss ipprezenta ebda risposta ghal din l-ittra ufficjali u ghalhekk saret u gew intavolati l-proceduri gudizzjarja;

Ir-rikorrenti talab lill-Qorti li:

i. prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara li l-intimat ikkaguna danni lir-rikorrent bil-qbid ta' l-oggetti kollha indikati fil-lista mehmuza mas-*seizure note* numru 21/93 datata 8 t'April 1993 konsistenti f'vann tal-ghamla 'Ford Transit' bin-numru tar-registrazzjoni C522DHV, *speedboat* tal-marka 'Rinker' mudell 'Captiva 186' u *trailer* (liema *seizure note* diga gie dikjarat b'sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat li ma setghetx tinhareg) liema danni jikkonsistu fi tnaqqis sostanzjali fil-valur ta' dawn l-istess oggetti li ghandhom jigu rilaxxjati mill-konvenut lir-rikorrent skond 'il fuq imsemmija sentenza tal-Qorti li ghaddiet in gudikat;

ii. tillikwida dawn id-danni subiti mir-rikorrent okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u

iii. tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent dik is-somma in linea ta' danni kif tigi hekk likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 3 ta' Frar, 2006 kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana li biha espona:

1. Illi preliminarjament jinghad li din l-azzjoni mhix proponibbli taht l-artiklu 1029 *et seq* tal-Kodici Civili izda hija biss proponibbli taht l-artiklu 469A(5) tal-Kap 12 u ghaliha necessarjament iridu jkunu applikati l-kriterji li jinstabu fl-isetss subartiklu. Fil-ligi Maltija, il-legislatur ipprovda biss azzjoni wahda ghad-danni rizultanti minn ghemil amministrattiv u din hija dik taht l-artiklu 469A tal-Kap 12. Kif jispecifika l-istess rikorrent fir-rikors promutur fil-paragrafu 7, ir-rikorrent qed ifittex lill-Kontrollur tad-Dwana ghad-danni allegatament rizultanti minn hrug tan-nota ta’ qbid u t-trapass ta’ zmien fil-proceduri gudizzjarji. Dan juri li dawn id-danni allegatament irrizultaw minn ghemil amministrattiv liema ghemil il-qrati taghna annullaw fi proceduri separati. Ghalhekk biex din it-talba tkun proponibbli, ma jistghux japplikaw il-kriterji normali ta’ kawza ghad-danni kif jidhru fl-artiklu 1029 *et seq* tal-Kodici Civili izda japplikaw il-kriterji li hemm fl-artiklu 469A(5) tal-Kap 12;

2. Illi minhabba dak li nghad fl-ewwel paragrafu, din il-Qorti ma tistax issib lill-Kontrollur tad-Dwana responsabbli ghad-danni jekk qabel ma tezaminax u ma ssibx li l-Kontrollur tad-Dwana agixxa in *mala fede* jew b’mod mhux ragonevoli, kif jitlob l-istess subartiklu 469A(5) tal-Kap 12. Pero` m’hemm l-ebda talba f’dan is-sens fir-rikors promotur;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad li huwa principju fil-ligi taghna u anke hu rifless fl-artiklu 1030 tal-Kap 16, li min juza r-rimedji li taghtih il-ligi ma jwegibx ghad-danni. Il-Kontrollur tad-Dwana uza r-rimedji li taghtih il-ligi pero` kellu ezitu negattiv ghalih. Pero` ezitu negattiv ma jwassalx necessarjament ghal responsabilta` ghal hlas ta’ danni. Ezitu negattiv lanqas ifisser li l-proceduri nbdew b’mod abuziv;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad li matul il-proceduri kollha civili u kriminali, ir-rikorrent kellu l-opportunita` li jitlob lill-Kontrollur tad-Dwana biex jaghmel manutenzjoni tal-*van*, *speedboat* u *trailer* in kwistjoni, izda dan hu qatt m’ghamlhom. Ghalhekk jirrizulta car li r-rikorrent m’ghamilx l-almu tieghu biex jimminimizza d-danni;

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad ukoll li l-Ordinanza tad-Dwana Kap.37 fl-artiklu 72(4) tipprovdi li r-rikorrent seta’ jitlob ir-rilaxx ta’ l-oggetti maqbuda waqt li jiddepozita garanzija minflokhom. Il-fatt li dan ma fittixx dan ir-rimedju li taghtih il-ligi wkoll juri li r-rikorrent m’ghamilx l-almu tieghu biex jimminimizza d-danni;

6. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrent jilmenta minn allegati danni li sehhew minhabba t-tul tal-proceduri, wiehed irid jara kemm minn dan it-tul fil-proceduri hu dovut lil agir jew nuqqas ta’ azzjoni min-naha tar-rikorrent innifsu;

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-Kontrollur tad-Dwana.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. SENTENZA TA’ DIN IL-QORTI TAL-24 TA’ JANNAR, 2008:**

Illi fis-16 ta’ Frar 2007 il-Kontrollur tad-Dwana intavola rikors fejn talab li jqajjem eccezzjoni ulterjuri f’din il-kawza, naturalment subordinament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra gja mqajma minnu:

Illi l-artiklu 68(1) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 jipprovdi li:
'Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta' garr, flimkien maz-zwiemel jew annimali u hwejjeg ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, fit-twarrib jew fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suggetti ghal konfiska, ghandhom jigu kkonfiskati…'

F'dik is-sentenza il-Qorti ikkonkludiet:
"Minn dan johrog car li l-eccezzjonijiet kollha ghandhom jinghataw fir-risposta guramentata u f'ebda waqt iehor tal-kawza sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validi jew ma jkunux wahda minn dawk l-eccezzjonijiet li skond il-Kap 12 jistghu jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti jew bhala eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza.

L-intimat kontrollur tad-Dwana naqas milli jindika xi raguni valida kif stipulat mil-ligi. Anqas ma hija wahda li tinkwadra taht xi dispozizzjoni espressa tal-Kodici bhal *lis alibi pendens* (794), eskussjoni (795), preskrizzjoni u ohrajn. Il-Qorti trid izzomm ukoll quddiem ghajnejha t-talbiet dedotti fit-talba u d-decizjonijiet imsemmija fl-imsemmija talba…

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba ghal zieda ta' l-eccezzjoni msemmija."

**D. SENTENZA TA' DIN IL-QORTI TAT-8 TA' OTTUBRU, 2009:**

Dik is-sentenza ittrattat l-improponibilita` ta' l-azzjoni a tenur tal-469A (5), izda l-Qorti ikkonkludiet li l-attur ma kienx qieghed jitlob l-istharrig ta' ghemil amministrattiv u li t-talbiet tar-rikorrenti fl-azzjoni huma ohrajn.

Il-Qorti ezaminat ukoll l-eccezzjoni ta' l-agir in *mala fede* izda sabet li ma kien hemm ebda talba f'dan is-sens fir-RIkors Promotur, u din l-eccezzjoni wkoll giet michuda.

Ghalhekk fl-imsemmija sentenza l-Qorti cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

**E. PROVI:**

Irrizulta li kienu hargu akkuzi kontra r-rikorrent odjern, liema proceduri kriminali gew finalment maghluqa permezz ta' decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, 34/2000 fis-27 ta' April, 2000 u dan wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar, 2000. F'din l-ahhar imsemmija sentenza Mark Micallef gie liberat minn kull htija u piena wara li kien gie dikjarat mill-Qorti tal-Magistrati li l-prosekuzzjoni ma kenitx ippruvat sodisfacentement l-akkuzi. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali hasset li l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed tajjeb u qablet mal-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, cahdet l-appell ta' l-Avukat Generali u ikkonfermat is-sentenza appellata fl-intier taghha.

Fid-19 ta' Mejju, 1993, Mark Micallef f'rikors li intavola kontra l-Kontrollur tad-Dwana talab li l-Qorti joghgobha tordna lill-intimat jirrilaxxa l-oggetti maqbuda bis-*seizure note* u fid-29 ta' Jannar, 2003 din il-Qorti presjeduta mill-Imhallef G. Valenzia wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet dwar il-kaz laqghet it-talba tar-rikorrent u ordnat lill-intimat jirrilaxxja l-oggetti maqbuda bis-*seizure note* bl-ispejjez kontra l-intimat.

Kien gie intavolat appell izda b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (584/93GV) dik il-Qorti iddikjarat dik il-kawza dezerta fit-termini ta' l-artikolu 963 (5)(b) tal-Kap 12 u konsegwentement iddecidiet li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell.

Fil-proceduri odjerni xehed <u>Joseph Borg</u>, Spettur tad-Dwana, li semma li tul iz-zmien li t-*trailer* u l-*boat* kienu qeghdin mizmumin ghand id-Dwana. Zied li fit-2 ta' Mejju, 2000 kellu telefonata u kien hemm persuna identifikat ruhha bhala Mark Micallef li talbu biex jara t-*trailer* u l-i*speed boat* li qeghdin fil-kustodja tad-Dwana. Kien hareg il-permess fit-3 ta' Mejju, 2000, izda irrizulta li sat-3 ta' Gunju ta' l-istess sena, Micallef kien ghadu ma kkomunikax. Mill-*file* jirrizulta wkoll li f'Ottubru tas-sena 2000 is-Sur Micallef tkellem mal-kollega tieghu *f'seduta stante* fic-Civil fejn dan jidher li wera t-talba tieghu biex xtaq li jara l-oggetti pero` sallum rega' ma kkomunikax

mad-Dwana. Din kienet l-unika darba li kkomunika mieghu l-attur.

Mark Micallef semma li darbtejn kien talab li jaghmel *maintenance* fuq il-vetturi - l-ewwel darba bil-miktub, it-tieni darba ma kienx cert ghax issa ghaddew xi hmistax (15)-il sena. Kien anke mar jara l-affarijiet, izda qata' qalbu, kienu qeghdin il-*Waterfront* u kienu qeghdin f'kundizzjoni hazina, ilmenta izda kien ghal xejn.

**F. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***F1. It-tielet eccezzjoni – Min juza r-rimedji li ttih il-ligi ma jwegibx ghad-danni:***

L-intimat fit-tielet eccezzjoni tieghu argumenta li hu ghamel id-dover tieghu izda kellu ezitu negattiv u li hu ghamel dan b'ebda mod abuziv. Sostna wkoll li l-ezitu negattiv ma jwassalx necessarjament ghar-responsabbilta` ghall-hlas ta' danni.

Il-Qorti m'ghandhiex dubju li l-konvenut ma mexiex b'mod abuziv, izda li ghamel dak li hass li kellu jaghmel izda dan mhux necessarjament iwassal li ma jkunx responsabbli ghad-danni emergenti. Il-fatt li wiehed ma jimxix b'mod abuziv u f'xi kazijiet anzi kontra l-volonta` tieghu ma jfissirx li ma jkunx responsabbli ghad-danni li jikkawza anke jekk involontarjament. Forsi jekk xi haga, l-intimat ipprova jimxi zzejjed biex jittutela l-pozizzjoni tieghu, izda dan mhux necessarjament hija haga pozittiva ghax wara li kien hemm l-erba' sentenzi, tnejn tal-Qorti Kriminali, Prim'Awla u Appell, certament li kien jinkombi fuq l-istess intimat li ma jibqax jopponi t-talba tar-rikorrent. Is-sentenza tal-Prim'Awla kienet cara u tonda b'mod li esprimiet li laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat ir-rilaxx ta' l-oggetti maqbuda bis-*seizure note* u dan f'Jannar 2003. Li kieku l-intimat ottempera ruhu ma' dik id-decizjoni, id-danni kienu jonqsu sostanzjalment. Li wiehed jghid li juza r-rimedji li taghtih il-ligi u jibqa' jinsisti fi proceduri ulterjuri certament huwa hazin u jirrendi r-responsabbilta` ghal danni. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

***F2. Ir-raba' eccezzjoni - L-opportunita` tar-rikorrent li jitlob biex jaghmel il-manutensjoni tal-vann u speed boat u trailer in kwistjoni:***

Din l-eccezzjoni fil-fehma tal-Qorti wkoll mhix gustifikata. Jekk l-intimat ghazel li jipprocedi u jibqa' jipprocedi specjalment anke wara decizjonijiet tal-Qorti Kriminali hu responsabbli ghall-agir tieghu, u m'ghamilx sewwa li jibqa' jzomm l-oggetti in kwistjoni. Apparti l-hsara li grat lill-affarijiet irrizulta tant dwejjaq lir-rikorrent. Kullhadd obbligat jaghmel xogholu, izda mhux li jmur oltre. L-argument ta' l-intimat li r-rikorrent seta' talab biex jaghmel manutensjoni mhux wiehed gustifikat ghax ir-rikorrent kellu dritt jaghmel manutensjoni fil-post li jrid hu meta jrid hu, u mhux dipendenti mill-kunsens ta' l-intimat li kien qed izomm l-oggetti meta dan ma kienx ghadu aktar gustifikat. Ghalhekk tichad ukoll din l-eccezzjoni.

***F3. Kap 37 art 72(4):***

L-intimat ibbaza din l-eccezzjoni fuq l-artikolu 72(4) tal-Kap 37 fejn ir-rikorrent seta' jitlob ir-rilaxx ta' l-oggetti maqbuda waqt li jiddepozita garanzija minflokhom, u l-fatt li ma fittixx dan ir-rimedju jwassal ghal responsabbilta` ta' l-istess rikorrent ghax dan jigi li ma imminimizzax id-danni. Jekk il-Qorti gja waslet ghall-konkluzjoni li l-intimat ma setax aktar izomm l-oggetti specjalment wara decizjoni tal-Qorti Kriminali u tal-Prim'Awla, certament ma jistax jilqa' din l-eccezzjoni ghax qatt ma jista' jkun gustifikabbli li r-rikorrent joqghod jaghmel proceduri u jittallab ghar-rilaxx ta' l-oggetti u jiddepozita garanzija minflokhom halli jista' jiehu hsieb l-affarijiet. Min jaghmel xi haga huwa responsabbli ghall-agir tieghu u ma jistax l-intimat jiskolpa lilu nnifsu meta l-agir tieghu ma kienx gustifikat. Ghalhekk ukoll tichad din l-eccezzjoni.

***F4. Tul tal-proceduri u agir tar-rikorrent:***

Fis-sitt eccezzjoni l-intimat ipprova jattribwixxi kull responsabbilta` lir-rikorrent minhabba li t-tul fil-proceduri kien dovut ghall-agir ta' l-istess rikorrent. Kif tista' qatt il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni, meta irrizultaw proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati li illiberaw lir-rikorrent fejn l-intimat ghazel li jappella, liema appell ikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. Peress li ma sarx ir-

rilaxx, ir-rikorrent intavola proceduri quddiem il-Prim'Awla u wara li l-Qorti tatu ragun, l-intimat appella biex l-appell wara gie dikjarat dezert. Certament ma kienx ir-rikorrent li tawwal dawn il-proceduri kollha.

Waqt it-trattazzjoni l-intimat ipprova jiggustifika l-agir tieghu minhaba l-fatt li hu mexa fuq struzzjonijiet tal-Pulizija u li ghalhekk mexxa l-kaz fuq dak li gie sostnut mill-Kummissarju tal-Pulizija. Jibda biex jinghad li kullhadd responsabbli ghall-agir tieghu u ma jistax bhala gustifikazzjoni jghid li l-agir tieghu hajjru jew gieghelu u ghalhekk dejjem tibqa' r-responsabbilta`. Izda jekk dan mhux bizzejjed, certament wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali u aktar u aktar wara dik tal-Prim'Awla, l-intimat ma kellu l-ebda raguni valida ghaliex ikompli miexi fit-triq li kien beda miexi fiha. Certament li f'dak l-istadju l-intimat kellu l-obbligu li jieqaf jipprocedi u jimxi ma' dak li ordnat il-Prim'Awla. Ghalhekk ukoll din l-eccezzjoni hija michuda.

***<u>F5. Talbiet tar-rikorrent:</u>***

L-ewwel talba tar-rikorrent hija li l-Qorti tiddikjara li l-intimat ikkaguna danni bil-qbid ta' l-oggetti indikati fil-lista mehmuza mas-*seizure note* konsistenti f'vann Ford Transit, *speed boad* Rinker u *trailer*. Il-kontenzjoni tar-rikorrent hija li dawn id-danni jikkonsistu f'nuqqas sostanzjali fil-valur li kellhom jigu rilaxxati mill-intimat lir-rikorrent skond is-sentenzi. Ir-rikorrent talab ukoll likwidazzjoni ghad-danni u klundanna hlas.

Huwa logiku li meta affarijiet bhal Ford Transit u *speed boat* u *trailer* ma tuzahomx u ma taghmilx il-manutenzjoni necessarja jsir tnaqqis sostanzjali fil-valur taghhom. Id-danni irrizultaw minhabba l-agir ta' l-intimat, specjalment in segwitu tad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sens 2000 u aktar u aktar tal-Prim'Awla fl-2003. Sfortunatament ir-rikorrent m'ghamilx il-prova tal-valur ta' l-oggetti dak iz-zmien u l-Qorti ghalhekk ghandha l-fakulta` li jew tordna li jsiru l-provi fuq dan l-aspett biss jew li tillikwida *arbitrio boni viri*, kif fil-fatt qed taghzel li taghmel u tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €9,000.

**G. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet permezz tad-decizjoni taghha tat-8 ta' Ottubru, 2009. Cahdet ukoll it-tielet eccezzjoni minhabba dak li ntqal f'"F1" hawn fuq.

Cahdet ir-raba' eccezzjoni minhabba dak li ntqal taht "F2 hawn fuq.

Cahdet il-hames eccezzjoni minhabba dak li ntqal taht "F3" hawn fuq, waqt li cahdet is-sitt eccezzjoni ghal dak li ntqal taht "F4" hawn fuq.

Riferibbilment ghat-talbiet tar-rikorrent il-Qorti sabet lill-intimat responsabbli ghad-danni, illikwidat *arbitrio boni viri* d-danni rizultanti fl-ammont ta' €9,000 u qed tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent din is-somma hekk likwidata.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------